**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 45/2018 CFF**

**Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe**

**Vs**

**A and B Marine Services Limited**

**Illum 3 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Angelo Agius ta' karta ta' identita' numru 296468M għan-nom u in rappreżentanza ta' A&B Marine Services Ltd, fejn espona s-segwenti:

1. Illi dan ir-rikors qed jiħi ippreżentat a tenur tas-subartikolu (2) tal-Kap 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u permezz ta' dan ir-rikors ir-rikorrent Angelo Agius għan-nom u in rappreżentanza ta' A&B marine services ltd qiegħed jopponi għat-talba għall-ħlas magħmula fil-konfront ta' A&B Marine Servies Ltd permezz ta' Ittra Uffiċjali 215/2018 datata 29 ta' Jannar 2018 minn Automated Revenue Management Services Lrd

(C46054) pro et nom u jitlob biex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara tali talba bħala waħda infondata fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi preliminarjament jingħad li r-rikorrenti A&B Marine Services Lrd assolutament mhijiex il-leġittima kontradittriċi u għandha tiġi liberata ab observantia iudici stante illi l-kont tad-dawl u ilma de quo agitur huwa kont li huwa reġistrat favur Transport Malta u mhux favur ir-rikorrenti;
3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba tas-soċjeta' ARMS ltd in kwantu dedotta fil-konfront tar-rikorrenti hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fuq il-mertu jingħad li t-talba għall-ħlas kif dedotta fl-Ittra Uffiċjali numru 215/2018 datata 29 ta' Jannar 2018 minn Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi ebda ammonta ma hu dovut mir-rikorrenti;
5. Illi għalkenm l-ambjenti relattivi għall-imsemmi kont, ossia l-marina fi Triq ix-Xatt, Sliema, kienu ġew diversi snin ilu konċessi lir-rikorrenti minn Transport Malta biex din topera mill-istess marina, tali konċessjoni waqfet wara perjodu qasir stante li l-marina konċessa ma kienitx idoneja għall-iskop li għalih kienet ġiet effettivament konċessa;
6. Illi madanakollu tul il—perjodu qasir li dament in vigore l-konċessjoni r-rikorrenti dejjem ħallset kull kont dovut, b'dan li ma ħalliet eba ħlasijiet pendenti u relattivi għaż-żmien meta hija kienet qegħda topera mill-ambjenti tal-marina fornuti mill-kont tad-dawl u ilma de quo agitur. Di piu għandu jirriżulta li fl-aħħar ftit ġimgħat tal-konċessjoni ma kien hemm ebda provvista tad-dawl u ilma;
7. Illi f'kull każ jiġi eċċeput li meta r-rikorrenti għaddiet lura l-ambjenti tal-maria konċessi lilha minn Transport Malta, l-istess Transport Malta assumiet l-obbligi kollha relattivi għall-kont tad-dawl u ilma, inkluż il-ħlas

ta' kwalsiasi bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku li seta' kien hemm, il-kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skond ir-regolamenti relattivi;

Għal-dawn il-motivi r-rikorrenti, a tenur ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap12 tal-Liġijiet ta' Malta, titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha, prevja kull ordni u provvediment ieħor li jidrilha li jkun l-aktar xieraq u opportun, tiddikjara t-talba għall-ħlas magħmula minn Automated Revenue Management Services Lrd (46054) pro et nom permezz ta' l-Ittra Uffiċċjali numru 215/2018 datata 29 ta' Jannar 2018 bħala infondata;

Rat ir-risposta tal-Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) pro et noe fejn esponiet;

1. Illi preliminarjament u għall-fini ta' korrettezza, in-numru ta' reġistrazzjoni tas-Soċjeta' rikorrenti jista' jkun C-48404, kif indikat fir-rikors tal-istess Soċjeta' rikorrenti;
2. Illi l-kont mertu ta' l-Ittra Uffiċċjali numru 215/2018 u jiġifieri l-kont bin-numru 411000035909, liema kont huwa marbut mas-servizzi mogħtija fil-Jacht Marina, Triq ix-Xatt, Sliema huwa intestat fuq is-Soċjeta' rikorrenti A&B Marine Services Ltd u dana kif jidher mid-dokument hawn anness u immarkat bħala Dok NB1;
3. Illi nonoestante dan eċċepit id-Direttur tas-Soċjeta' rikorrenti, is-Sur Angelo Agius kien iffirma l-formola tar-Registrazzjoni tal-Bidla tal-Konsumatur, permezz ta' liema il-kont in kwistjoni ġie trasferit fuq l-istess Soċjeta' rikorrenti u dana kif jidher mill-kopja tal-formola ta' Registrazzjoni ta' Bidla tal-konsumatur hawn annessa u immarkata bħala Dok NB2;
4. Illi jekk kemm il-darba is-Soċjeta' rikorrenti ma baqgħetx tokkupa l-Jacht Marina fi triq ix-Xatt Sliema, u per konsegwenza ma baqgħetx tuża s-

servizzi relattivi, kien allura jinkombi fuq l-istess socjeta' illi tieħu ħsieb illi tneħħi u terġa' titrasferixxi il-kont minn fuq isimha;

5. Għaldaqstant b'riżerva għal kull prova oħra kuf ikun meħtieġ li tinġieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-Soċjeta' esponenti titlob li din l-istess Qorti tiċħad it-talba tas-Soċjeta' rikorrenti bħala mingħajr bażi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-Ittra Uffiċjali numru 215/2018 ippreżentata ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bħala titolu eżekuttiv ukoll a favur l-Automated Revenue Management Services Limited pro et noe kontra r-rikorrenti, bl-ispejjeż;

Rat ir-rikors ta' A&B Marine Services Lrd (C4804) fejn esponiet;

1. Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' esponenti qegħda a tenur ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha, prevja kull ordni u provvediment ieħor li jidrilha li jkun l-aktar xieraq u opportun, tiddikjara t-talba għall-ħlas magħmula minn Automated Revenue Management Services Lrd (C46054) pro et nom permezz ta' Ittra Uffiċjali numru 215/2018 datata 29 ta' Jannar 2018 bħala infondata;
2. Illi preliminarjament u permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha, l-eċċipjenti ressqet eċċezzjoni formali fis-sens li hija mihijiex il-leġittima kontraditrċi u għandha tiġi liberata ab observantia iudici stante illi l-kont tad-dawl u ilma de quo agitgur huwa kont li huwa reġistrat favur Transport Malta u mhux favur ir-rikorrenti;
3. Illi l-esponenti diġa bdiet tressaq l-evidenza tagħha in sostenn ta' inter alia tali eċċezzjoni, b'dan li l-iter fattwali ġie spjegat b'mod kronoloġiku fl-affidavit li ġie ippreżentat mid-direttur tas-soċjeta' esponenti, Angelo Agius;

4. Illi fil-fatt fis-seduti preċedenti f'din il-kawża l-partijiet ngħataw opportunita' sabiex jesploraw il-possibilita' li din il-kwistjoni tiġi transatta anki bl-involviment tal-istess Transport Malta;
5. Illi sfortunatament, minkejja li l-partijiet għamlu l-għalmu tagħhom biex tali transazzjoni sseħħ, tali attentat safa fix-xejn u għalhekk jeħtieġ li l-proċeduri jitkomplew jinstemgħu;
6. Illi għalhekk l-esponenti temmen li s-sejħa ta' Transport Malta fil-proċediment isservi biex il-kwistjoni tkun aħjar definita u indirizzata u sabiex l-esponenti tkun f'pożizzjoni aħjar li tissalvagwardja l-interessi tagħha;
7. Illi tali sejħa sservi wkoll biex ikun hemm ir-rientegrazzjni u l-kompletezza tal-proċeduri neċessarji għall-integrita' tal-ġudizzju, sabiex tiġi evitata l-possibilita' ta' ġudizzji konfliġġenti u sabiex il-ġudizzju jiġi osservat sew;
8. Illi din it-talba bl-ebda mod ma tista' tinftiehem li qed issir sabiex jittawla l-proċeduri u lanqas biex tiġi b'xi mezz frustrata l-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja, b'dan li tali motivazzjoni ċertament mhux fl-interess tal-esponenti;
9. Illi għalhekk l-esponenti umilment tissottometti li hemm lok li Transport Malta ossia l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta tiġi kjamata in kawża;

Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti biex għar-raġunijiet fuq premessi jogħġobha tordna l-kjamata in kawża ta' Transport Malta ossia l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u dan a tenur tal-Artikolu 961 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tirrispondi għat-talbiet attriċi fir-rikors odjern u dan, naturalment, skond l-ordnijiet jew id-direttivi ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti tħoss xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi;

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta li permezz tagħha issottomettiet is-segwenti;

1. Illi primarjament l-Awtorita' kjamanta in kawża qed teċċepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabli Qorti rationae materiae u dan peress li din hija tilwima direttament konnessa mal-ftehim bejn il-partijiet datat it-tletin (30) ta' Ġunju 201, anness ma' din ir-risposta u immarkat bħala Dok A, u liema ftehim fih klawsola arbitrali senjatament fi klawsola numru 13.08;
2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita' esponenti mhijiex il-leġittima kontradittriċi u għandha tiġi liberata ab observantia iudici stante illi kull talba li għandha x'taqsam mal-provvista' ta' xi servizz ġiet konċessa lis-soċjeta' intimata A&B Marine Services Lrd fuq talba u applikazzjoni tagħha stess u dan kif jirrifletti mill-istess ftehim datat it-tletin (30) ta' Ġunju 2011;
3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba tas-soċjeta' intimata hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) ta' Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba tas-soċjeta' intimata għal kull spiża relatata mal-kont tad-dawl u l-ilma, inkluż il-ħlas ta' kwalunkwe bilanċ li jista' jkun dovut għall-ilma u l-elettriku li seta' kien hemm fuq il-kera tal-meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi connected jew disconnected, u għal kull ħlas iehor li jista' jkun dovut mil-liġi, jikkonċerna lis-soċjeta' intimata A&B Marine Services Ltd u dan kif kienet obbligata u ippremettiet is-soċjeta' intimata stess a tenur tal-ħlas li huwa dovut lis-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-ftehim ta' konċessjoni bejn l-esponenti u soċjeta' intimata datat it-tletin (30) ta' Ġunju 2011;
5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'klawsola 4.03 sub-inċiż (v) tal-ftehim ta' konċessjoni bejn il-partijiet fuq imsemmi, hemm iċċittat li *"4.03 During the duration of this agreement, the Operator shall be responsible, at his sole risk, cost and expense, to: (v) provide water and electricity services*

*to the vessels, subject to the necessary permits being issued by the relevant authorities";*

6. Salv eċċezzjonijiet oħra;

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel eċċezzjonijiet mressqa mis-soċjetà Trasport Malta bħala kjamat in kawża hija li:

> *Illi preliminarjament l-Awtorità kjamata in kawza qed tecepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti "ratione materae" u dana peress illi din hija tilwima direttament konnessa mal-ftehim bejn il-partijiet datat tletin (30) ta' Ġunju 2011 anness ma' din ir-risposta u mmarkat bħala 'Dok A' u liema ftehim fih klawsola arbitrali senjatament fil-klawsola numru 13.08;*

Illi mill-provi mressqa hemm kontestazzjoni dwar min hu responsabbli għal ħlas tal-kontijiet pendenti fuq il-konsum tad-dawl u ilma. Illi mill-affidavit tal-istess Angelo Agius li huwa d-direttur tas-soċjetà rikorrenti qal li huwa kien daħal fi ftehim ma' Trasport Malta għal konċessjoni ta' Marina sabiex jopera u jmexxiha u dan kien inghata fis-sena 2010/2011. Illi gara minħabba li din il-Marina ma kienx hemm suċċess, kien iddeċieda li jagħti lura din il-konċessjoni lil Trasport Malta. Illi kien għalhekk li kull meter tad-dawl u ilma kellhom jerġgħu jgħaddu lil Trasport Malta u għalhekk huwa ma kienx responsabbli għal tali ħlas iżda kellha tkun Trasport Malta u mhux is-soċjetà rikorrenti.

Illi l-istess soċjetà Automated Revenue Management Services Ltd esebiet diversi dokumenti li ġew immarkati bħala dok ARMS 2 sa dok ARMS 7. Illi dawn il-kontijiet huma kollha maħruġa fuq l-isem tas-soċjetà rikorrenti u cioè A & B Marine Services. Illi wkoll mar-risposta tas-soċjetà Automated Revenue Management Services Ltd esebiet dokument dwar reġistrazzjoni ta' bidla tal-konsumatur. Illi b'dan id-dokument juri b'mod ċar li s-servizz kien ġie maqlub f'isem A & B Marine Services u mhux aktar għand Trasport Malta.

*Il-kwistjoni tar-Ratione Materae*

Illi din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li hemm fl-artikolu 47 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jgħid espressament li:

> *(1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat wieħed jippresjedi, u dik il-qorti, bħala qorti tal-ewwel grad tisma' u tiddeċidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' ħmistax-il elf euro (€15,000), kontra persuni li joqogħdu, jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja, f'parti tal-Gżira ta' Malta.*

Illi s-soċjetà kjamata in kawża, tkompli li dak li hemm bejn il-partijiet huwa ftehim li kien seħħ meta ingħatat il-konċessjoni tal-Marina u kwalunkwe dizgwied li seta' jinqala huwa regolat bi klawsola li għandhom imorru għall-arbitraġġ. Illi l-istess soċjetà kjamata in kawza għamlet referenza għal deċiżjoni li kien hemm bejn il-partijiet u cioè fl-ismijiet 'l-Awtorità Għat-Trasport f'Malta -vs- A & B Marine Services Limited [C-48404] deċiża fil-5 t'Ottubru 2015 mill-Imħallef J. Padovi Grima mill-Qorti Civili (Prim' Awla).

Il-kwistjoni li qegħda in deliberazzjoni tirrigwarda eċċezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti, stante li Klawsola 13.08 tal-ftehim bejn il-partijiet (Dok. A li jinstab eżebit a fol. 46) tistabbilixxi:

> *"Any dispute, controversy or claim arising out of, or is in connection with, this agreement shall be resolved by the Authority and the Operator by reference to arbitration according to the Arbitration Act."*- Vide fol. 57, Klawsola 13.08.

Illi s-soċjetà rikorrenti fetħet dawn il-proċeduri a bażi ta' dak li hemm fl-artikolu 466 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kienet qegħda topponi għal ħlas wara li kienet irċeviet ittra uffiċjali a bażi ta' dak li hemm fl-artikolu 466(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi kien dan il-fatt li wassal li jinfetħu dawn il-proċeduri sabiex l-istess soċjetà rikorrenti tħallas l-ammont ta' 8,796.95 Euro għal konsum tas-servizz ta' dawl u ilma lilhom konċess. Illi għalhekk skont ma' hemm fl-artikolu 47 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti għandha kompetenza

li tisma kawżi bħal dawn. Illi minn naħa l-oħra il-kjamat in kawza qiegħed jikkontendu li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza li tisma dan il-każ stante li skont il-ftehim li kienu għamlu bejniethom, japplika fil-konfront tagħhom li jmorru quddiem l-arbitraġġ. Illi ta' min jagħmel referenza għal deċiżjoni mgħotija mill- Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-24 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet **L-E.T. Giovanni Umberto De Vito noe vs Alfred Dimech** (Rik Ġur 749/2015) fejn ingħad li l-kompetenza ta' Qorti jew Tribunal tiġi determinata skont il-premessi u t-talbiet li jsegwu. F'dan is-sens il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-:

> *"Huwa paċifikament aċċertat illi l-kompetenza tal-Qorti hi determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eċċezzjoni mogħtija mit-termini tal-azzjoni attriċi. Hu l-att promotur, kif intavolati t-talbiet u l-premessi tagħhom, li jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha teżerċita l-ġudizzju tagħha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza tagħha. (Frankie Refalo nomine vs Jason Azzopardi et (Appell – 7 ta` Ottubru 1997)."*

Illi f'dan il-każ, il-kwistjoni mqajma mhux għal fatt li hemm xi kwistjoni bejn il-partijiet iżda li s-soċjetà rikorrenti ġiet imsejħa permezz ta' ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tħallas l-ammont dovut. Illi f'dan il-każ kif ingħad hawn fuq, l-istess soċjetà rikorrenti allegat li l-ħlas dovut huwa tas-soċjetà Trasport Malta u mhux tagħha. Illi għalhekk jekk hemm kwistjoni ta' min hi r-responsabiltà tal-ħlas tagħha huwa l-mertu ta' din il-kawża li fl-aħħar mill-aħħar huwa suġġett għal dik it-talba li saret mill- istess soċjetà Automated Revenue Management Services Ltd permezz tal-ittra uffiċjali maħruġa kontra s-soċjetà rikorrenti. Illi dak il-ftehim li ġie iffirmat bejn is-soċjetà rikorrenti u l-kjamat in kawża jorbot lilhom biss u ma hemm ebda konsiderazzjoni li s-soċjetà Automated Revenue Management Services Ltd hija parti minn dan il-ftehim. Illi jekk huwa l-każ, li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza li tisma dan il-każ, allura ir-rimedju mgħoti lis-soċjetà Automated Revenue Management Services Ltd taħt dak

li hemm fl-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiġi null u dan sempliċiment għax hemm ftehim bejn terzi li hija mhux parti minn dak il-ftehim. Illi dak il-ftehim jorbot biss min kien involut u se mai huwa suġġett għal kundizzjonijiet impost fih li ma jorbot xejn lis-soċjetà Automated Revenue Management Services Ltd. Huwa prinċipju ta' dritt li meta ftehim jiġi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istess ftehim għandu joħroġ mill-istess kitba, inattez id-diskussjonijiet u kif dawn zvolgew. Hu preżunt li dak li l-partijiet ikunu ftehmu fuqu, jkun ġie mniżżel fil-kitba, u dak li jkun diskuss iżda ma jirriżultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li ġie rinunzjat (ara **Clive Simpson vs John Saliba nomine et,** PA 22/06/2004 u **Frendo vs Caruana**, App Civ 28/01/1999). Illi għalhekk f'dan il-każ, kif ingħad hawn, il-ftehim jorbot biss iż-żewġt partijiet u mhux is-soċjetà l-oħra Automated Revenue Management Services Ltd. Illi din il-Qorti ma tarax li hija m'għandhiex kompetenza li tisma u tiddeċiedi fuq kwistjoni mqajma taht l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ladarba li t-talbiet kif formulati hi determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eċċezzjoni mogħtija mit-termini tal-azzjoni attriċi. Hu l-att promotur, kif intavolati t-talbiet u l-premessi tagħhom, li jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha teżerċita l-ġudizzju tagħha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza tagħha.

**Decide**

**Il-Qorti,**

**Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,**

**Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;**

**Qegħda tiċħad l-eċċezzjoni kif magħmula mis-soċjetà kjamata in kawza Trasport Malta li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza *ratione materae* u għalhekk tordna l-kontinwazzjoni tal-kawża,**

**Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà kjamata in kawża.**

**Dr Caroline Farrugia Frendo**

**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**

**Deputat Reġistratur**